# BIRMIFTUĦ

## (Osservazzjonijiet personali u appell biex isiru l-iskavi)

**tissokta mill-ħarġa tal-Programm tal-Festa ta' l-Assunta**

Min ħaffer il-bjar u bena f'Birmiftuħ. Il-pjazez wiesa ta' madwar il-knisja juru preparazzjoni għall-attendenza numeruża ta' nies ġejjin mill-bogħod - pjazez evidentement intenzjonati biex iservu ta' "parking place" għall-karrettuni u inġenji oħra ta' trasposrt. Zuntier ma kienx hemm u anqas dawk iż-żewġ kaxxi ta' quddiem il-knisja, qishom "church yard", ma kienu hemm. L-istess, dawk il-bjar ġo xulxin ma' xifer it-triq kienu intenzjonati biex diversi nies ikunu jistgħu jieħdu l-ilma fl-istess ħin. Dak l-ewwel maqdes, aktarx ta' daqs katedrali, seta' kien l-uniku maqdes fis'South" ta' Malta, flimkien ma l-Imdina u l-Birgu fuq in-naħiet l-oħra. Żgur li Birmiftuħ ma kienx xi katidral fid-deżert. Nafu li fil-1436 Birmiftuħ kien għadu jgawdi ġurisdizzjoni reliġjuża fuq territorju vast li kien imiss ma' Ħal Millieri u kien ilaħħaq minn Ħal Farruġ, fuq il-wied ta' Ħal Qormi, sa Birżebbuġa`, u minn Knejjes Durbies, f'Ħal Far, sa San Ġwann t'Għuxa, fejn kien qabel, barra mis-swar, ftit 'l hemm minn Raħal Ġdid. F'din in-naħa t-territorju ta' Birmiftuħ kien imiss ma' dak tal-Birgu u l-Birgu sar parroċċa fil1090. Fuq din l-art illum hawn is-seba' parroċċi li ħarġu minn Birmiftuħ u l-parroċċi l-oħra li ħarġu minnhom - "ulied u ulied ulieda". Dan it-territorju kollu kien magħruf bħala "terrae Sanctae Mariae" u hekk ġieli sibtu mmarkat fuq uħud mill-ewwel pjanti li saru. Il-qima lejn Santa Marija eżistit, tista' tgħid, mill-bidu nett tar-reliġjon tagħna u żdiedet wara l-konċilju ta' Efesu tal-431 meta l-Madonna ġiet dikjarata veru Omm Alla "Theotokos". Ma jistgħax ikun li Malta ma kellhiex ukoll xi knisja mportanti dedikata lill-Santa Marija fiż-żmien raġjonevolment, hekk bikri. F'dak iż-żmien (395-870) Malta kienet maħkuma mill-Biżantini. Probbabli Birmiftuħ hu l-eqdem parroċċa f'Malta dedikata lil Santa Marija. Fuq iż-żewġ naħat tat-territorju ta' Birmiftuħ hawn il-parroċċi taż-Żurrieq u taż-Żejtun, it-tnejn antiki u mibnija t-tnejn fuq għolja viċin xatt il-baħar u, forsti mhux b'kumbinazzjoni, it-tnejn iddedikati lil Santa Katerina. Kienet waslet fażi oħra

fl-istorja ta' Malta, u fl-istorja tal-knisja f'Malta. Nafu li n-Normanni (nies minn naħa ta' fuq ta' Franza) kienu devoti ta' Santa Katerina u li taħt il-Papa Giovanni XXII (1316-1334) bosta knejjes inbnew iddedikati lil din il-qaddisa.
Minn naħa l-oħra pero', il-ftit djar li hemm madwar il-knisja juru li Birmiftuħ baqa' qatt ma ġibed abitazzjoni lejh. Id-djar inbnew f'positjiet il-fuq u dawn taw il-bidu għall-irħula, (Ħal...) tas-seba' parroċċi li 'l quddiem ħarġu minn Birmiftuħ. Fil-1530 waslu l-Kavallieri u Malta ġiet fortifikata u protetta. Il-knisja f'Malta għamlet progress.
Fil-1592 ħarġu minn Birmiftuħ il-parroċċi ta' Ħal Kirkop u Ħal Tarxien. Fil-1598 ħarġu l-Imqabba u Ħal Safi u fil-1633, Ħal Luqa saret parroċċa separata . Fil-1656, il-knijsa parrokkjali tal-Gudja bdiet tinbena fuq dik l-għolja li tiġi eżatt faċċata tal-port ta' Birżebbuġa. Dan ma kienx ikun possibli fiż-żmienijiet ta' qabel meta minn Birżebbuġa kont tistenna li ser jidħol l-għadu. Tistħajjel li barra l-ġmiel u l-vantaġġ tal-għoli, dan sar issa bi sfida psikoloġika naturali fil-bnidem u b'turija konkreta ta' vittorja fuq il-biża li spiċċa. Kien biss fil-1865 - żmien l-Ingliżi - li Birżebbuġa saret parroċċa separata minn Birmiftuħ. L-armi ġenwini tal-Gudja u ta' dawn is-seba' parroċċi jistgħu jiġu kkunsultati fis-sagristija tal-knisja tar-raħal. Kull arma fiha tifsira.
Il-parroċċa tal-Gudja hi l-kontinwazzjoni tal-parroċċa antika ta' Birmiftuħ. Meta l-kappillan Dun Ġwann Gatt, fil-1666, tella' l-knisja tiegħu għall-għolja tal-Gudja hu ġab miegħu l-abiti sagri, l-inkwadri u kull ma seta' jinġarr, bil-fratellanzi u bid-drittijiet u privileġġi kollha. Fuq hekk segwa b'mod naturali l-motto "Pluribus Parens". Niftakar bosta nkwadri, kbar u żgħar, storjati fil-kamra ta' fuq tal-knisja tar-raħal, wieħed minnhom kien ta' San Pawl fuq iż-żiemel. Il-Gudja qatt ma sseparat minn Birmiftuħ, il-Gudja titlef l-identita tagħha u tkun raħal żgħir bħal ħafna oħrajn hawn Malta. Il-fama ta' Birmiftuħ hi l-wirt tagħna.
Il-Gudja u Malta għandhom kull interess li titwarab dik il-ħamrija li qed tgħatti l-pedamenti ta' qabel u li jsir studju serju u dettaljat tar-riperti li jistgħu jinsabu. B'hekk biss ikun magħruf il-preġju u l-qedem veru ta' Birmiftuħ.

**G.P. Borg**